FLORIANA

KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

10 ta' Settembru 2015

## LAQGHA TAL-KUNSILL

**Minuti tas-Sitt (06) laqgha tas-Seba' Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah is-Sitt (06) Laqgha tas-Seba' Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar il-Gimgha 28 t'Awwissu 2015 fis-2.00pm,** b'din l-agenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti imqajjma mill-minuti
3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
4. Mistoqsijiet lis-Sindku
5. Materji / Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati
6. Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill
7. Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet
9. Genna ta Gonna...U Hafna Aktar!
10. Traffiku u parkegg
11. Gonna u soft areas
12. PPP - Justin Haber Football Academy
13. Bring in sites
14. Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat
15. Muzew fil Floriana
16. Model for art in public spaces
17. Aggornament tal-Laqgha

Ghas-Sitt (06) laqgha tas-Seba' Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Davina Sammut Hili, il-Vici Sindku Ivan Hallett, il-Kunsillier Matthew Paris u il-Kunsillier James Aaron Ellul flimkien mal-Agent Segretarju Ezekuttiv assistit mill-iskrivana E. Borg Bonaci.**

**Il-Kunsillier Vincent Borg talab li jkun skuzat minhabba ragunijiet ta' sahha.**
**L-Ambaxxatrici Lokali ghaz-Zghazagh Michaela Farrugia ma kinitx prezenti.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Davina Sammut Hili.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tal-hames (05) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2 Il-minuti msemmija f'1.1 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Matthew Paris u ssekondata mill-Vici Sindku Ivan Hallett. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 2.0 Punti imqajjma mill-minuti

2.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-materja diskussa rigward il-parkegg riservat quddiem il-Floriana Senior Citizens u saqsiet lill-Vici Sindku jekk kienx hemm xi zviluppi. Il-Vici Sindku Ivan Hallett wiegeb li kien tkellem ma' Transport Malta u qed jistenna risposta.

## 3.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

3.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili informat lill-Kunsill li s-Sur Genio Micallef kien talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex jorganizza festin tal-Milied fid-Dar tal-Kunsill. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni li jipprovdi l-bini tal-Kunsill bla hlas, inkluz il-ftuh u l-gheluq u t-tindif tas-sala.

3.2 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza minghand il-Phoenicia Hotel fejn talbu permess biex iwahhlu banners fi Triq Sant'Anna ghal attivita' li ser itellghu, kif ukoll biex il-Kunsill jiehu hsieb li jergghu jinzebghu il-*pelican lights* fi Triq Sant'Anna. Il-Kunsill qabel li ghandu jiehu hsieb jitlob lill-entitajiet responsabbli biex issir iz-zebgha tal-pelican lights. Fir-rigward tat-twahhil tal-banners, il-Kunsill qabel in principju u bil-kundizzjoni li jhallsu l-permessi necessarji.

3.3 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza minghand Daniel Chircop u Chrisander Agius fejn offrew is-somma ta' €4000 biex jithallew iwahhlu banner fi Triq Sant'Anna ghal perjodu ta' sena.

> 3.3.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili qalet li qabel ma tigi kkunsidrata t-talba, wiehed irid jiddetermina x'ser isir meta l-Kunsill ikollu bzonn iwahhal il-banners ghall-attivitajiet tieghu ta' matul is-sena.
>
> 3.3.2 Il-Kunsillier James Aaron Ellul qal li hu ma jaqbilx li ghandu jkun hemm riklami fi zmien il-festa u l-festival tan-nar, u f'attivitajiet sportivi li jistghu jittellghu.
>
> 3.3.3 Is-Sindku Davina Sammut Hili qalet li hi ma taqbilx li l-Kunsill jintrabat ghal sena shiha u ssuggeriet li l-Kunsill jipproponi li jhallsu skont l-uzu.
>
> 3.3.4 Il-Kunsill qabel li ghandu joffri r-rata ta' €20 kull gurnata ghall-ewwel mitt gurnata t'uzu u ta' €10-il gurnata ghall-kumplament tal-granet.

3.4 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet talba ghal tpoggija ta' containers taht il-Forka matul ir-Rolex Middle Sea Race. Il-Kunsill qabel bil-kundizzjoni li ma tinghalaqx ir-rampa u li jithallsu l-permessi kollha necessarji.

3.5 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza minghand Paragon Europe fejn qed jipproponu li jigu implimentati zewg progetti: traffic snake game network u bike to work. Il-Kunsillier James Aaron Ellul ssuggerixxa li l-Kunsill jipproponi zona fejn jistghu jipparkjaw ir-roti. Il-Kunsillier

Matthew Paris ssuggerixxa li fl-istess zona jkunu jistghu jipparkjaw ukoll il-vetturi tal-elettriku. Is-Sindku Davina Sammut Hili ipproponiet li l-Kunsill jitkellem mal-iSkola Primarja dwar it-traffic snake game network sabiex jara x'jista' jsir. Il-Kunsill qabel mal-proposti mressqa u qabel ukoll li ghandu jikseb iktar informazzjoni dwar il-progetti proposti.

3.6 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza minghand l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn talbu lill-kunsilli lokali biex jikkunsidraw jaghtu opportunita' ta' fundraising lill-fondazzjoni ALS Malta waqt l-attivitajiet organizzati mill-Kunsill. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni u qabel li ghandu jipproponi li dan il-fundraising isir fl-attivita' ta' Genna ta' Gonna...u hafna aktar!

3.7 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet ittra legali minghand l-Avukat Marilyn Farrugia fejn kitbet f'isem persuna li kellha accident fi Triq l-Isqof Mauro Caruana u li kienet qed tfittex lill-Kunsill ghad-danni.

3.7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv irrimarka li ma kien hemm l-ebda provi, ritratti u lanqas indikazzjoni tal-post fejn sehh l-accident.

3.7.2 Is-Sindku qrat l-abbozz tar-risposta tal-Avukat tal-Kunsill. Il-Kunsill approva l-abbozz tal-ittra.

3.8 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn talbu l-kummenti tal-Kunsill ghall-proposta li l-gbir ta' skart jibda' jsir fil-hinijiet ta' filghaxija.

3.8.1 Il-Kunsillier Matthew Paris qal li ma jaqbilx ma' din il-proposta ghax ihoss li tali proposta ser tkompli zzid l-abbuz apparti li l-iskart ser jibda jdum hinijiet itwal barra.

3.8.2 Is-Sindku Davina Sammut Hili qalet li thoss li l-problema tal-iskart m'ghandix tigi indirizzata bil-bidla fil-hinijiet izda b'mizuri ohrajn.

3.8.3 Is-Sindku Davina Sammut Hili qalet li l-Kunsill ghandu jghaddi suggeriment li ghandhom jigu nfurzati ahjar il-ligijiet u jkun hemm multi iktar horox ghal min jinqabad ihammeg barra.

3.8.4 Il-Kunsillier Matthew Paris ippropona wkoll li l-Kunsill jissuggerixxi li l-hgieg jibda jingabar iktar frekwenti minhabba li jhoss li darba fix-xahar ma kienx bizzejjed.

3.8.5 Il-Kunsill qabel li jressaq il-proposti u r-ragunijiet imsemmija hawn fuq u qabel li ghandu jwiegeb li jhoss li ghandhom jinzammu l-hinijiet prezenti, u cioe mid-9am 'il quddiem.

3.9 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza minghand l-iSkola Primarja fejn talbu parkegg riservat fi Triq San Tumas ghall-uzu ufficjali tal-iskola. Il-Kunsillier Matthew Paris ippropona li l-Kunsill jiccekkja mal-linji gwida jekk l-iskola hijiex intitolata ghall-parkegg riservat. Il-Kunsill qabel.

3.10 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza ohra minghand l-iSkola Primarja fejn ressqu l-proposti li gejjin:

*3.10.1 Talba ghal permess sabiex l-istaff tal-iskola jithalla jipparkja fi Triq Sarria c/w Triq San Tumas fuq il-linji l-bojod. –*

*3.10.1.1* Il-Kunsillier Matthew Paris ssuggerixxa li l-Kunsill jikkunsidra li jcekken il-bankina ta' Triq Sarria sabiex jinholqu iktar spazji ta' parkegg. Huwa qal li dawn l-ispazji jkunu jistghu jintuzaw minn kulhadd u ma jkunux riservati.

*3.10.1.2* Il-Kunsillier James Aaron Ellul qal li jippreferi li kieku jsir arrangament li l-vetturi jkunu jistghu jipparkjaw bejn is-sigar.

*3.10.1.3* Is-Sindku Davina Sammut Hili ipproponiet li l-Kunsill jitkellem mal-Perit.

*3.10.1.4* Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li hu ser ikellem lill-Perit izda fakkar li biex wiehed jaghmel xi xoghol fuq il-bankina, jkun hemm bzonn li jinkiseb il-permess RWP3.

*3.10.2 Talba biex l-ispazji ta' parkegg ta' Triq San Tumas u dawk ta' Triq San Publju li jmissu mal-iskola, jkunu riservati ghall-istaff tal-iskola bejn is-7.00 u s-14.15.* – Il-Kunsill ma qabilx ma' din il-proposta.

3.10.3 *Talba biex il-membri tal-istaff tal-iskola jithallew jipparkjaw fil-parkegg tax-Xaghra minghajr hlas* – Il-Kunsillier Matthew Paris qal li hu kien lest li jitkellem mal-amministraturi ta' dan il-parkegg sabiex jintlahaq ftehim bejniethom.

3.10.4 *Talba biex il-Kunsill jitlob li l-Park n' Ride tibda' tieqaf ukoll fil-Floriana* – Il-Kunsill qal li din it-talba kienet diga saret u kien qed jistenna risposta.

3.10.5 Il-Kunsill qabel li ghandu jwiegeb lill-iskola primarja u jinformahom li t-talba taghhom giet milqugha b'mod parzjali u l-Kunsill ser jerga' jikkuntattja lill-Park & Ride sabiex jikkunsidraw waqfa fil-lokalita'.

3.11 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet talba minghand l-Active Enterprises Ltd. Fejn talbu l-permess li jitwahhlu street advertising bejn l-entratura tal-MCP car park u l-kantuniera tal-hrug mill-istess parkegg. Is-Sindku Davina Sammut Hili qalet li hi ma taqbilx li jkomplu jizdiedu dawn il-barriers. Il-Kunsill qabel li t-talba tinzamm on hold sakemm il-Kunsill jevalwa il-materja tal-advertising on street furniture.

**Nota: 14:41 Il-Kunsillier Matthew Paris talab li jkun skuzat minhabba kunflitt t'interess.**

3.12 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza minghand Just Xmas fejn talbu l-permess tal-Kunsill sabiex jorganizzaw attivita' fuq il-Fosos fi zmien il-Milied. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni bil-kundizzjoni li jinkisbu l-permessi kollha necessarji mill-entitajiet kollha involuti kif ukoll li jsir it-tindif necessarju kollha wara l-attivita'.

**Nota: 14:45 Il-Kunsillier Matthew Paris rega' attenda ghal-laqgha.**

## 4.0 Mistoqsijiet lis-Sindku

4.1 Il-Kunsillier James Aaron Ellul ghamel riferenza ghall-ispralli fil-lokalita' u saqsa kif kien qed isir it-tindif taghhom. Is-Sindku Davina Sammut Hili wiegbet li l-kuntrattur kien qed jaghmel kwantita' fil-gimgha u ghalhekk ghandhom ikunu lesti sal-ahhar ta' Settembru.

4.2 Il-Vici Sindku Ivan Hallett saqsa lis-Sindku jekk setax isir manutenzjoni fuq id-dawl ta' Gnien Vilhena. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li dakinhar stess kienu marru t-technicians sabiex jiccekkjaw is-sitwazzjoni.

## 5.0 Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati

5.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet ghall-approvazzjoni tal-Kunsill dawn il-membri ghas-sotto kumitat tal-gemellaggi: Conrad Cutajar, Mark Cianter u Joe Hili. Il-Kunsill approva.

5.2 Is-Sindku Davina Sammut Hili qalet ukoll li hi kienet tkellmet mal-MEUSAC dwar il-possibilta' li jingib gemallagg hawn Malta.

## 6.0 Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill

6.1 Il-Kunsillier James Aaron Ellul ghamel riferenza ghall-attivita' sportiva li ser tinzamm.

6.1.1 Il-Kunsillier Matthew Paris ssuggerixxa li sabiex ma jigux irreplikati zewg attivitajiet, il-premjijiet li l-Kunsill jaghti matul is-sena, jigu moghtija matul l-attivita'.

6.1.2 Il-Kunsillier James Aaron Ellul qal li hu ma jaqbilx minhabba li hemm differenza bejn il-premjijiet li jinghataw ghall-hidma fil-komunita' u l-premjijiet sportivi.

6.1.3 Il-Kunsillier Matthew Paris qal li hu kien ser jipproponi wkoll li Genna ta' Gonna tigi organizzata f'Jum il-Floriana, dakinhar tal-hrug tal-vara, minflok f'Ottubru.

6.1.4 Il-Kunsill qabel li ghandu jpoggi din il-materja fuq l-agenda sabiex tigi diskussa f'iktar dettall.

6.2 Il-Kunsillier James Aaron Ellul ipprezenta xi disinji godda ghat-tabella tal-Merhba Floriana. Il-Kunsill iddiskuta d-disinji pprezentati u qabel li ghandu jmexxi b'disinn minnhom.

6.3 Is-Segretarju Ezekuttiv talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex ikunu jistghu jitnehhew il-Copiers Kycera KM 's il-qodma mill-inventarju. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

## 7.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza 04-07, li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

7.2 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier James Aaron Ellul u ssekondat mill-Kunsillier Matthew Paris, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 12956 sa 12967, bir-rizultat:

Favur: 4 (JAE, MP, DSH, IH)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

7.3 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mis-Sindku, minn zewg kunsillieri u mis-Segretarju Ezekuttiv.

7.4 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq kwotazzjoni minn AES Ltd. Sabiex jigu baxxuti l-pixxaturi tal-bandli. Il-Kunsill ma qabilx li ghandu jassorbi din l-ispiza ladarba kien hemm alternattivi ohrajn.

7.5 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq kwotazzjoni ghal zieda ta' bins mill-hodor fic-Centru Rikreattiv

ir-Re Gorg V, li tammonta ghal €165 kull bin. Il-Kunsill ma qabilx li ghandu jzid il-bins minhabba li jhoss li l-ispiza kienet ser tigi tammonta ghal hafna.

7.6 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq kwotazzjonijiet ghal servizz ta' cash in transit, u qal li l-orhos offerta' kienet dik tal-Group 4 ta' €17 + Vat kull trip. Il-Kunsill approva u qabel li ghandu jiehu hsieb jiffirma l-kuntratt tas-servizz.

## 8.0 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

8.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjonijiet / rakkomandazzjonijiet.

## 9.0 Genna ta Gonna...U Hafna Aktar!

9.1 Il-Vici Sindku Ivan Hallett fetah il-materja billi qal li flimkien mal-Kunsillier Matthew Paris kien ser jiltaqa' ma' tal-karozzi klassici l-gimgha ta' wara.

9.2 Huwa kompla billi qal li kien ser jipproponi li jingibu xi ghanneja filghaxija. Il-Kunsill qabel li ghandu jara kemm tigi tammonta l-ispiza.

9.3 Il-Vici Sindku Ivan Hallett qal li kien ser jitkellem ukoll mal-agenti tax-xorb sabiex jinghataw xi tined bhala promozzjoni f'kaz li taghmel ix-xita.

9.4 Il-Kunsillier James Aaron Ellul ippropona li l-Kunsill jitkellem ma' tal-Ghanafest.

9.5 Il-Kunsillier Matthew Paris fakkar li dakinhar tal-attivita' kienu ser jilghabu l-football il-Floriana. Is-Segretarju Ezekuttiv ppropona li l-Kunsill ikellem lill-MFA biex forsi tkun tista' tigi posposta.

9.6 Il-Kunsillier Matthew Paris ippropona li minflok il-Kunsill jorganizza Greens Village qabel il-partita.

9.7 Il-Kunsillier Matthew Paris qal li kienet inzammet laqgha mal-ghaqdiet u jidher li kienu interessati jippartecipaw fl-attivita' ta' Genna ta' Gonna.

9.8 Huwa qal li l-Grupp Hidma San Publju kienu ser jorganizzaw ikla fuq il-Fosos dakinhar tal-attivita'. Il-Kunsillier Matthew Paris qal li huma kienu ssuggerew li jigi Freddie Portelli dakinhar.

9.9 Il-Kunsillier Matthew Paris qal li l-Arcipriet kien informah li seta' jaghmel quddiesa fi Gnien il-Mall dejjem jekk it-temp jippermetti.

9.10 Huwa kompla billi qal li kienet ser tinzamm ukoll police dog display.

9.11 Il-Kunsillier Matthew Paris qal li l-gurnata ta' qabel, kienet inzammet laqgha mal-Malta Arts Council li kienu offrew li jghinu billi jipprovdu madwar ghoxrin stall biex jintuzaw mill-artigjani matul l-attivita'.

9.12 Il-Kunsillier Matthew Paris qal li kienu wkoll fil-process li jigu mistiedna artisti Furjanizi sabiex jippartecipaw fl-attivita'. Is-Sindku Davina Sammut Hili issuggeriet li tigi kkuntattjata wkoll Jane Farrugia li hi fotografu brava hafna.

9.13 Il-Kunsillier Matthew Paris qal li kien tkellem mal-Fortification Museum li kienu lesti li jipprovdu xi easels ghal dakinhar.

9.14 Il-Kunsillier Matthew Paris kompla billi qal li l-Kunsill irid jiehu hsieb jipprovdi l-elettriku ghal kull stall.

9.15 Il-Vici Sindku Ivan Hallett fakkar li ghad iridu jsiru diskussjonijiet mal-organizzaturi tal-ferrovija sabiex bhas-soltu jigu offruti trips madwar il-lokalita'.

9.16 Il-Kunsillier Matthew Paris qal li l-Floriana Nursery kienu ser jippartecipaw fil-quddiesa li ser tinzamm dakinhar. Huwa qal ukoll li kien hemm proposta li jkun hemm free train rides ghat-tfal tal-Floriana Nursery.

9.17 Il-Kunsillier Matthew Paris qal li kien iltaqa' mal-Floriana Ajax u mal-Floriana Basketball Club fejn iz-zewg ghaqdiet kellhom xi attivitajiet f'mohhom li ghad irid jikkonferma.

9.18 Il-Kunsillier Matthew Paris qal li l-Vilhena Band Club kienu ser jarmaw il-faccata u kienet ser tinzamm laqgha mas-surmast tal-banda fil-jiem li gejjin sabiex jigi diskuss x'jista' jsir.

9.19 Il-Kunsillier Matthew Paris issuggerixxa li ssir gwardja fi Gnien Sir Luigi Preziosi, simili ghal dik li ssir f'Forti Sant'Iermu.

9.20 Il-Kunsillier Matthew Paris ippropona li jigu armati bnadar ta' Malta u tal-lokalita' fi Triq Sant'Anna. Il-Kunsill approva li jingibu kwotazzjoni sabiex il-Kunsill jixtri bnadar tal-Floriana.

9.21 Il-Kunsillier Matthew Paris ghamel riferenza ghall-ftuh ta' Bieb il-Bombi u qal li hu ma kienx tal-parir li dan jerga' jinfetah minhabba li l-ispiza relatata ma' dan kienet titla' hafna. Huwa qal li l-Bieb tal-Bombi kien ser jinfetah fin-Notte Bianca xorta wahda.

9.22 Il-Kunsillier James Aaron Ellul qal li a kwantu tad-drones, dan il-filmat kellu jkun lest dalwaqt.

9.23 Il-Kunsillier Paris qal li kien qed jiehu hsieb il-poster u dan kien kwazi tlesta.

9.24 Il-Kunsillier James Aaron Ellul ssuggerixxa li l-istem tal-attivita' jinbidel ufficjalment ghal *Genna ta' Gonna u hafna aktar!* Il-Kunsill qabel.

## <u>10.0 Traffiku u parkegg</u>

10.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili qalet li kienet inzammet laqgha ma' Transport Malta fejn kienet tressqet il-proposta biex il-Park & Ride jibda jieqaf ukoll fil-Floriana.

10.2 Is-Sindku Davina Sammut Hili qalet li kienet giet diskussa wkoll il-materja tal-parkegg riservat li nghata lill-Ambaxxata Torka fejn gie maqbul li l-ispazji ta' parkegg mehuda ser jinghataw man-naha l-ohra tat-triq.

10.3 Is-Sindku Davina Sammut Hili qalet li kienet informathom ukoll bir-rilokazzjoni tal-bring-in sites fejn kienet ressqet talba sabiex isiru l-linji necessarji.

10.4 Is-Sindku qalet li kienet giet diskussa wkoll il-possibilta' li Triq San Publju ssir one way, fejn ser ikun hemm prova ta' xahar. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li t-tabelli kienu diga gew ordnati.

## <u>11.0 Gonna u soft areas</u>

11.1 Il-Kunsillier James Aaron Ellul qal li kien talab kwotazzjonijiet ghall-cat cafés izda kien

ghadu qed jistenna r-risposti.

11.2 Is-Sindku Davina Sammut Hili informat li t-tender tal-gonna u soft areas kien hareg u jaghlaq fl-4 ta' Settembru. Hija qalet li ghalhekk wiehed irid jistenna l-ezitu u jara x'offerti ser jigu sottomessi.

## 12.0 PPP - Justin Haber Football Academy

**Nota: 15:30 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu sabiex il-materja nru 12.0 *PPP - Justin Haber Football Academy* tigi diskussa qabel l-ahhar materja.**

## 13.0 Bring in sites

13.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili qalet li l-bring in sites ghandhom jigu rilokati ghal hdejn il-MEPA hekk kif diskuss mill-Kunsill.

13.2 Hija kompliet billi qalet li l-abbozz tal-ittra li ser tintbaghat lir-residenti kien tlesta. Is-Sindku qalet ukoll li fl-ittra kienu ser jigu mfakkra wkoll il-hinijiet tal-gbir ta' skart, hgieg, skart goff, u skart riciklat.

13.3 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li r-rilokazzjoni tista' ssir ladarba tintbaghat l-ittra u jsiru l-linji necessarji biex jitpoggew il-bring in sites.

## 14.0 Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat

14.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili fethet il-materja billi qalet li z-zmien kien qed igerbeb u ghalhekk fakkret li ghandha bzonn tibda l-hidma fuq din l-attivita'. Il-Kunsill qabel.

## 15.0 Muzew fil Floriana

15.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili qalet li l-printing fuq il-canvas kien tlesta u li issa kienu qed jinhadmu l-frames sabiex ikunu jistghu jitwahhlu.

15.2 Il-Kunsillier Matthew Paris saqsa jekk il-launch ta' dan il-muzew kienx ser isir f'Genna ta' Gonna. Is-Sindku Davina Sammut Hili qalet li s-Sur Ray Debono Roberts xtaq li l-launch isir f'Settembru.

15.3 Il-Kunsill qabel li l-konferenza stampa tal-attivita' issir gimghatejn qabel l-attivita' u mhux gimgha qabel kif soltu jsir.

## 16.0 Model for art in public spaces

16.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili qalet li kien hemm zewg proposti. Hija qalet li a kwantu tal-bust ta' Anton Camilleri, dan seta' jitpogga f'xi wiehed mil-gonna. Il-Kunsill qabel li dan jista' jitpogga jew fi Gnien Preziosi jew Gnien Vilhena.

16.2 Is-Sindku Davina Sammut Hili qalet li kien hemm proposta ohra minghand Antoine Joseph Hili sabiex isir abbozz tal-bronz ta' kelb li jitpogga gewwa is-soft areas tal-pjazza papa Gwanni Pawlu

16.3 Il-Kunsill qabel maz-zewg proposti u qabel li ghandu jressaq dawn il-proposti lill-Gvern Centrali.

**Nota: 15:40 Il-Kunsillier Matthew Paris talab li jkun skuzat.**

## 12.0 PPP - Justin Haber Football Academy

12.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza minghand Justin Haber Academy fejn ressqu xi proposti b'riferenza ghall-ammont ta' vandalizmu li qed ikun hemm fil-KGV u fil-picc sintetiku.

12.2 Il-Kunsillier James Aaron Ellul qal li filwaqt li jifhem il-kwistjoni tal-vandalizmu, ma jhossx li l-Kunsill ghandu jilqa' din it-talba minhabba li l-gnien huwa wiehed pubbliku u ghandu jibqa' tali.

12.3 Il-Kunsill qabel li m'ghandux jilqa' t-talba minhabba li l-gnien kien pubbliku.

## 17.0 Aġġornament tal-laqgħa

17.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar it-Tnejn 28 ta' Settembru 2015 fil-5.00pm.

Il-laqgha ntemmet fl-4.00pm

Davina Sammut
Sindku

Svetlick J. Flores
Agent Segretarju Ezekuttiv